# FRATELLANZA TA' L-IMMAKULATA KUNĊIZZJONI FIL-BELT VALLETTA

## *Fratellanza oħra aggregata ma' dik ta' Ruma kif hu l-każ tal-Fratellanza ta' l-Imqabba*

**Lorenzo Zahra**

Waħda mill-Fratellanzi ewlenin tal-Belt Valletta hija bla dubju l-Fratellanza ta' l-Immakulata Kunċizzjoni mwaqqfa fil-knisja tal-Patrijiet Konventwali Franġiskani li nsejħulhom "Ta' Putirjal". Naturalment hawn Fratellanzi tal-Kunċizzjoni oħrajn bħal dik ta' l-Imqabba mwaqqfa fis-seklu 18. F'Ħaż-Żebbuġ ukoll hemm Fratellanza tal-Kunċizzjoni mwaqqfa fl-1777 kif hemm ukoll fil-Belt Cospicua, mwaqqfa fl-1734. Fil-Birgu hemm ukoll Fratellanza li twaqqfet fl-1641. Dik li ser niktbu fuqha, ċioè tal-Belt, twaqqfet fis-sena 1637 u nistgħu ngħidu li hija l-ewwel waħda. Interessanti l-fatt li dawn il-Fratellanzi twaqqfu bosta snin qabel ma l-Knisja stabbiliet it-twemmin dwar l-Immakulata bħala domma ta' fidi, fl-1854.

Bħal Fratellanzi oħra fil-Belt Valletta, din il-Fratellanza għandha oratorju tagħha tassew sabiħ li jinsab fl-istess kunvent. Oratorju dekorat bi skultura u pittura fejn il-Fratelli għadhom jiltaqgħu u b'mod partikolari jiffesteġġaw flimkien ma' l-Ordni Franġiskan il-Festa ta' l-Immakulata b'mod solenni, kif ukoll iwettqu ta' kull sena solennità ta' Adorazzjoni Ewkaristika msejħa l-Kuranturi. Il-Fratellanza fil-Belt, ispirata mill-Franġiskani li kienu minn ta' quddiem li xerrdu t-twemmin li l-Madonna kienet konċeputa Immakulata sa mill-eternità, għadha sa llum immexxija mill-Fratelli fuq l-istatut tagħha. Kienet twaqqfet fis-6 ta' Ġunju 1637 biex irġiel u nisa jingħaqdu fiha. Kienet approvata mill-Papa fit-18 ta' Jannar 1644 waqt li fis-16 ta' Marzu 1638 ġiet magħquda mal-Fratellanza omm imwaqqfa fil-Bażilika ta' San Lawrenz in Damaso ta' Ruma biex hekk il-Fratellanza Maltija tgawdi mid-drittijiet u privileġġi kollha ta' l-imsemmija Fratellanza. Naturalment il-Fratellanza għandha l-istemma u s-siġill tagħha iżda kienet fis-sena 1895 meta ngħata l-użu tal-konfratija bajda bl-ingwanti u b'medalja tal-Madonna fuq sidirhom. Il-Fratelli ma jużawx kapott għajr darba fis-sena, nhar Ħamis ix-Xirka, meta jieħdu sehem fil-funzjonijiet soliti. Il-Fratellanza fis-sena 1637 akkwistat il-kappella fil-knisja li ngħatat lilhom b'kuntratt tal-25 ta' Lulju 1637.

Bħal kull Fratellanza, din titmexxa fuq statut li jkun imqassam b'mod li jispjega kif titmexxa l-Fratellanza. F'dan wieħed isib kif tkun komposta tmexxija mill-katedra ta' l-uffiċjali, b'Rettur, bi Prim Assistent u Sekond Assistent, b'erba' Konsulturi, Depositarju bil-orokuraturi, b'Ċeremonjier u saħansitra b'uffiċjal li jżomm l-istendard imsejjaħ Gonfalonir. Fl-istatut insibu dwar il-mod li jsir id-dħul tal-Fratelli, il-professjoni u wkoll dwar il-laqgħat imsejħa Konsulti, privati jew ġenerali. L-istatut jobbliga wkoll lill-Fratelli li jwettqu



*Il-knisja ta' San Lorenzo in Damaso li tagħha l-Fratellanzi tal-Kunċizzjoni tal-Belt u ta' l-Imqabba huma msieħba.*

ċerti dmirijiet reliġjużi biex jiċċelebraw il-festa tal-padruna u festi oħra tal-Knisja bħall-Għid il-Kbir. Huwa interessanti hawn li fl-istatut hemm ukoll il-jum ta' ċerimonja li fiha l-Fratellanza tbierek il-Ġilji li jżejnu l-altar u xbieha tal-Madonna. Il-Fratelli fl-oratorju kien ikollhom il-post tagħhom bis-sedja ta' l-uffiċjali tal-Kattedra. Bħal Fratellanzi oħra kien ikun hemm l-obbligu tas-suffraġi mal-mewt ta' l-imseħbin u xi drabi l-Fratellanza jkollha wkoll l-oqbra tagħha.

Illum il-Fratellanza li dwarha qed nikteb, għadha twettaq il-laqgħat tagħha kif ukoll iċ-ċerimonji tagħha. Iżda llum f'xi każi u f'xi parroċċi l-imseħbin ittraskuraw il-ħidma tagħhom, ma jsiru ebda laqgħat u hekk il-Fratellanza tisfaxxa fix-xejn biex xi drabi baqa' biss iċ-ċelebrazzjonijiet esterni li jaqgħu f'idejn kumitati għal kollox barra l-Fratellanza.

J'Alla l-millennju l-ġdid iġib miegħu ħeġġa fil-Fratellanzi Maltin sabiex dawn ikomplu bil-ħidma tagħhom għall-ġid spiritwali tal-membri.